**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra**
**Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Mark Scerri**

**Kumpilazzjoni 173/2019**

**Illum 3 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Scerri** detentur tal-karta tal-identità 0178977 M talli nhar l-14 ta' Marzu, 2019 f'xi hin bejn is-14:15hrs u l-15:30hrs gewwa l-istabiliment Hair Zone, 107, Triq Alfredo Cachia Zammit , Zejtun:

1. Ikkommetta serq, liema serq huwa kwalifikat bi sgass u bil-valur ta' madwar tlett mija u sitta u hamsin Ewro ( 356 Ewro ) ghad-dannu ta' Nathalie Bondin u Marija Sultana;
2. U aktar talli fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli

jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar min 23.29 Ewro izda anqas minn 116,47 Ewro ghad-dannu ta' Nathalie Bondin;

3. Ukoll talli talli fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta' qabel kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datata 13 ta' Dicembru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jiffirma kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha gewwa l-ghassa Haz-Zabbar u li ma jikkomettix reat iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-pien applikabbli ghalkl-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Mark Scerri, kif ukoll tordna li s-somma ta' sebat elef ewro (7000 ewro) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma' Mark Scerri bhala persuna recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mindula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Artikolu 412 D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu ghaxar (10) xhieda kif gej ;

Maria Sultana (*a fol* 28 et. seq.); PS1226 Silvan Pulis (*a fol* 32 et. seq.); Spettur Roderick Attard (*a fol* 40 et. seq.); PC 405 Jason Schembri (*a fol* 108 et. seq.); Dr Marisa Mifsud (*a fol* 123 et. seq.); Jonathan Mizzi (*a fol* 145 et.

seq.); Spettur Shawn Pawney (*a fol* 164 et. seq.); Spettur Roderick Attard (*a fol* 166 et. seq.); Spettur Kurt Zahra (*a fol* 173 et. seq.); Nathalie Bondin (*a fol* 180 et. seq.);

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 3 ta' Lulju 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Amadeus Cachia li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni finali dwar il-piena da parte tal-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Roderick Attard u da parte ta' Dr. Amadeus Cachia ghall-imputat.

Sar qbil bejn il-partijiet dwar il-parametri tal-piena li ghandha timxi maghhom il-Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss,*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat.

**DECIDE:**

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva hi necessarja.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 17, , 49, 50, 261(b)(c), 278(2), 325(1)(c) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti wara li rat artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 u sabet li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datata 13 ta' Dicembru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest, qeghda tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' Mark Scerri, kif ukoll tordna l-konfiska tas-somma ta' sebat elef ewro (7000 ewro) bhala garanzija personali u dawn jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Inoltre, wara rat ukoll li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieg li l-ħati jigi mgħejjun jegħleb l-abbuz mid-droga u li qed iwasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l- ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaccja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur General ital-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jghin lill-imputat jaqbad it-triq it-tajba inkluz li jwettaq programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament bid-digrieti ta' llum stess għandhom jigu trasmessi lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lid-Direttur General ital-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**